MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006

Numru. 38/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**v**

**MARIA STELLINI**
**EMANUEL STLLINI**
**CARMEL BUGEJA**
**EMILIA MUSCAT**
**GREGORY STELLINI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputatia **MARIA STELLINI** mart Joseph, bint Facondo Buttigieg u Annunziata nee Caruana, imwielda Victora, Ghawdex, nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1927 u residenti 'Bruka', Block C, Flat 6, Triq il-Wied,

Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 68027G, **EMANUEL STELLINI** bin Joseph u Maria nee Buttigieg, imwieled Kercem, Ghawdex nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Ottubru 1950 u residenti 19, Triq l-Orkestra tad-Dudi, Kercem, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita numru 79250G, **CARMELA BUGEJA** mart Angel, bint Joseph Stellini u Mary Anne nee Buttigieg, imwielda Kercem Ghawdex nhar l-erbatax ta’ Settembru 1952 u residenti 19, Triq l-Gizi, Xewkija, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 57252G, **EMILIA MUSCAT** mart Joseph Stellini u Mary Anne nee Buttigieg imwielda Kercem, Ghawdex nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 1958 u residenti 59, ‘Gems’, Triq Michele Busuttil, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 4058G u **GREGORY STELLLINI** bin Joseph u Mary Anne nee Busuttil, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Mejju 1960 u residenti 32, ‘Evergreen’, Triq Ta’ Berunaq, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 31160G gew imressqa quddiemha akkuzati talli fit-tlieta ta’ Frar 2004, f’dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmlu hsara lil xi persuni, akkuzaw lil Anthony u Giorgina Cauchi quddiem awtorita kompetenti b’reat filwaqt li kienu jafu li dawk l-persuni huma nnocenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti nkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta’ Ottubru 2006 [fol 97] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-erbatax ta’ Novembru 2006 [fol 101].

Rat wkoll d-diversi kuntratti esibiti fl-atti ta’ dan l-procediment.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta’ Novembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tletin ta’ Marzu 2006 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 33] fejn qal li b’ittra datata tlieta ta’ Frar 2004, minn Mary Anne, armla ta’ Joseph Stellini, Michael Stellini, Joe Stellini, Antioniette Stellini, Emanuel Stellini, Gregory Stellini, Emily Muscat u Carmen Bugeja, ahwa wkoll Stellini, kien sar rapport sabiex jigi nvestigat kaz dwar post numru 96/97, sitwat fi Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, li nbiegh meta dan kien jifforma parti mill-mertu ta’ kawza pendenti li kien hemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-ismijiet **Joseph Stellini versus Carmel Stellini et.**

Spjega li fil-fatt, meta hu ricieva din l-ittra, hu baghat ghal parti l-ohra l kwerelati, Anthony Cauchi w il-mara tieghu Giorgina Cauchi, fejn dawn qalulu li verament kienu kienu xtraw dan il-post u fil-fatt fil-kuntratt kien hemm klawsola li kienu jafu li dan il-post kien jifforma parti minn mertu ta’ kawza civili pero kienu ftiehmu li jekk il-kawza tinqata kontra taghhom, huma kienu lesti jhallsu d-differenza u jirrexindu l-istess kuntratt. Qal li ghaldaqstant, hu ha parir mill-Avukat Generali, u dan il-parir kien li l-kaz kien purament civili w ghaldaqstant, ma kellhomx jittiehdu passi kriminali mill-pulizija esekuttiva.

Zied jghid li wara dan, ircevew kwerela minn naha ta’ Anthony Cauchi li ggib d-data dsatax ta’ Novembru 2004, fejn fiha l-pulizija giet mitluba tressaq lil Emanuel Stellini u lil Gregory Stellini talli fil-gimghat precedenti ghat-tletin ta’ Mejju 2004, intavolaw rapport kontra l-kwerelant mal-pulizija ezekuttiva fis-sens li dan r-reat li kien gie rappurtat, ma kienx jezisti. Qal pero li hu ma hassx il-htiega li kellu ghalfejn iressaq l-kaz il-Qorti. Qal li pero imbaghad sar *challenge* u l-Magistrat Dottor Tonio Micallef Trigona iddecida li l-pulizija kellha tressaq l-Qorti u hu hekk ghamel, skond din l-ordni.

Ix-xhud esibixxa r-rapport orginali tat-tlieta ta’ Frar 2004 minghand Mary Anne Stellini, Emanuel Stellini, Gregory Stellini, Emily Muscat u Carmen Bugeja, u l-kuntratt li gew immarkati bhala dokument JC [fol 35 et seq]. Esibixxa wkoll stqarrija ta’ Anthony Cauchi w il-mara tieghu

Giorgina Cauchi, wara li dawn gew moghtija s-solita twissija li giet immarkata bhala dokument JC 1 [fol 45], bhala dokument JC 3 [fol 46] ittra minghand Dottor Anton Refalo datat l-ewwel ta' Marzu 2004, fejn dan kien baghtlu aktar informazzjoni dwar r-rapport originali li kien sar lil pulizija, u bhala JC 4 [fol 51] kwerela minn Anthony Cauchi kontra l-familja Stellini.

In kontr'ezami, mistoqsi mill-avukat difensur 'l ghaliex fil-kwerela hemm imsemmi biss li l-pulizija ghandha tiehu passi fil-konfront taz-zewg akkuzati meta hu ressaq hamsa, ix-xhud wiegeb li hu ha dawn il-passi wara li kien gie ffaccjat b'decizjoni tal-Qorti wara li kien sar *challenge* u f'din d-decizjoni tal-Qorti hemm imsemmija l-hames imputati odjerni. Zied jghid li r-rapport originali kien sar fil-konfront tal-hames imputati. Qal li mill-investigazzjoni li hu ghamel ma rrizultalux li kien hemm xi reati kriminali fil-konfront ta' Anthony Cauchi u kien ghalhekk li ma ressqux. Qal li fil-fehma tieghu, lanqas fil-konfront tal-imputati odjerni, pero kellu jressaq il-Qorti minhabba d-decizjoni tal-Qorti. Qal li fil-fatt, kull ma gie mibghut lilu mill-avukat difensur kien jinsab esibit l-Qorti. Qal li jekk mhux sejjer zball, hemm rapport indikat rigwardanti l-wirt in kwistjoni u d-dokumenti esibit.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2006 **xehed Anthony Cauchi** [fol 77] fejn qal li hu mizzewweg lil Giorgina Cauchi u flimkien xtraw l-post 95 u 96 sitwat fi Triq San Lucija. Qal li fuq dan il-post kien hemm kawza civili ghaddejja, liema kawza hu kien jaf bih, kawza li kienet giet ippresentata minn missier l-awha Stellini u cioe missier uhud mill-imputati odjerni w r-ragel tal-imputata Maria Stellini. Qal li kien jaf li l-post kien ta' certa Lina Xuereb li tigi minnu. Qal li sussegwentement, Nina Xuereb mietet u l-post wirtuh uliedha li kienu l-Awstralja. Spjega li hu kien ghamel l-kuntratt in kwistjoni ghand n-Nutar Paul Pisani u f'dan il-kuntratt hemm imnizzel wkoll referenza ghal din il-kawza li hemm pendenti. Qal li wara xi sentejn li hu kien effettivament xtara dan il-post, kien ircieva ittra mid-Depot sabiex imur ikellem lil Ispettur Cordina u meta mar hemm, flimkien ma martu, l-Ispettur interrogah dwar dan l-post li effettivament kien xtara ghaliex kien hemm allegazzjoni li

hu kien xtara dan il-post bi frodi w ingann ghal haddiehor. Qal li l-Ispettur qallu li effettivament l-imputati kollha kienu baghtu ittra lil Kummissarju tal-Pulizija w ghamlu din l-allegazzjoni fil-konfront tieghu. Spjega li Carmen Cauchi tigi ommu u dan, meta gie muri d-dokument “Z” esibit fl-atti, li hu kuntratt redatt fl-att Giuseppe Cauchi datat ghoxrin ta’ Mejju 1978, fejn minn naha wahda jidher Carmelo Stellini u minn naha l-ohra Carmen Cauchi, mart Frankie Cauchi.

Ix-xhud qal li Carmen hija fil-fatt ommu stess. Qal li kien minnu li ommu qed tidher ghan-nom u fl-interess ta’ Josephine Stellini. Ix-xhud wera lil Qorti c-certifikat tal-mewt ta’ Josephine Stellini li hu mmarkat bhala dokument “S” w ikkonferma li din mietet fil-hamsa w ghoxrin ta’ Mejju tal-istess sena. Qal li hu ma kienx jaf li ommu dehret fuq xi kuntratt. Ikkonferma li pendenti hemm kawza fuq divizjoni u jidhirlu li hu parti minnha. Qal li hu kien ikun presenti ghas-smiegh ta’ din il-kawza u dejjem wera interess fiha. Qal li huma kienu jiltaqghu quddiem il-Perit Bianchi pero qal li ma kienx jaf li kienu ghamlu xi kwoti billi l-kuntratt effettivament kien sar waqt li l-kawza kienet pendenti.

Qal li effettivament hu kien ghamel kuntratt mal-werrieta ta’ Nina Xuereb fuq dan l-fond 95 u 96 Triq Santa Lucija u dan waqt li l-kawza kienet ghadha pendenti, jigifieri kien xtara sehemhom. Qal li kien deher Francis Cauchi, missieru, ghan-nom tal-istess werrieta meta kien xtara l-post. Cahad dak suggerit mid-difiza li kien hemm mandat t’inibizzjoni fuq dan il-post. Qal li xi sentejn wara li effettivament kien xtara l-post, kien ircieva ittra ufficjali minghand l-ahwa Stellini, l-imputati odjerni. Qal li l-ittra kienet tghid li l-imputati riedu jingannawh, peress li kien jaf fic-cert li l-post li kien xtara kien effettivament jappartjeni lil Nina Xuereb u din mietet u hallietu lil uliedha. Qal li kien jaf li hemm kawza ohra pendenti bejnu u bejn l-ahwa Stellini. Qal li kien jaf li hemm kawza ghaddejja bejn il-werrieta ta’ Nina Xuereb u l-imputati meta hu effettivgament ghamel l-kuntratt mal-werrieta taghha w ghalhekk hu kien xtara meta kien hemm litigazzjoni

ghaddejja. Qal li fil-fatt hu kien dahal fil-kawza flok l-istess werrieta ta' Nina Xuereb.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2006 **xehed in-Nutar Paul Pisani** [fol 85] fejn meta gie muri d-dokument esibit fl-atti bhala "C" a fol 40 tal-atti, qal li dak kien kuntratt redatt minnu nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 2002, fejn minn naha wahda deher Francis Cauchi ghan-nom ta' divers nies u mit-tieni parti l-istess Francis Cauchi ghan-nom ta' terzi persuni u fit-tielet parti Anthony Cauchi. Ix-xhud ikkkonferma l-kontenut ta' dan d-dokument redatt minnu. Qal li hu ma kienx jaf b'xejn li kien hemm kawza pendenti u li l-kuntratt kien gie ppreparat minn Dottor Carmelo Galea. Mistoqsi jekk nizzilx xi referenza ghal din il-kawza li kien hemm pendenti, x-xhud wiegeb li ma jafx. Qal li effettivament referenza ghal din il-kawza pendenti quddiem il-Qorti Civili kienet saret u ghandha n-numru Citazzjoni 74/1990. Spjega li hu kull ma ghamel kien li kien ra li kien hemm d-denunzja mhallsa, ra li kien hemm l-prokuri tal-partijiet, pero ricerki fuq t-titolu tal-post m'ghamilx, <u>ghaliex ma kienx inkarigat jaghmel dan</u>.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2006 **xehdet Giorgina Cauchi** [fol 86] fejn qalet li kien hemm l-werrieta ta' Nina Xuereb li xtaqu jbieghu l-post taghhom li kien f'Kercem u huma kienu nsteressati li jixtruh. Qalet li kienet konxja li kien hemm kawza pendenti l-Qorti u huma xtrawh sapendo li riedu jirrispettaw d-decizjoni tal-Qorti. Mistoqsija l-prezz tal-post, x-xhud wiegbet li hi kienet thalli kollox f'idejn r-ragel taghha u kien jiehu hsieb kollox hu.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2006 **xehed Frank Cauchi** [fol 87] fejn qal li li t-tfal tal-familja Xuereb kienu baghtulu prokura biex jidher ghalihom fuq kuntratt ghal bejgh ta' post li hu fi Triq Santa Lucija f'Kercem, u l-kuntratt kellu jsir bejnhom u Tony Cauchi u hu kien deher ghan-nom tal-werrieta. Qal lil hu jigi missier Tony Cauchi. Qal li meta rcieva l-prokura, mar ghand Dottor Galea u kien hu li mexxa kollox.

Illi nhar s-sebgha ta’ Settembru 2006 **xehed Dottor Carmelo Galea** [fol 94] fejn wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali tieghu, qal li hu ilu jokkupa l-kariga ta’ Prokuratur ta’ Anna Xuereb mill-1982. Qal li din illum mejta u ghandha l-eredi taghha lil uliedha li jinsabu kollha l-Awstralja. Qal li kienet saret il-kawza kontra Anna Xuereb, llum mejta, mill-familja Stellini rigward l-fond 95/96, Triq Santa Lucija, Kercem, ghaliex kienu qed jghidu li huma ghandhom sehem minn dan l-istess fond. Qal li kien gie sostnut li l-fond in kwistjoni kien taghha u sussegwentement wara l-mewt taghha, l-eredi taghha, ghamlu d-denunzja bil-gurament bid-dikjarazzjoni *causa mortis* quddiem in-Nutar u dawn ftehmu li l-fond taghhom ibieghuh lil Anthony Cauchi u cioe l-fond li huma kienu wirtu minghand ommhom. Sussegwentement dawn irrilaxxjaw prokura fil-konfront ta’ Frank Cauchi u sar kuntratt regolari. Qal li sussegwentement l-istess Anthony Cauchi rcieva rapport fejn gie allegat li l-kuntratt kien sar bi frodi u dan meta baghat ghalih l-Ispettur Cordina. Spjega li huma dehrilhom li dak r-rapport kien infondat w ghalhekk ghamlu r-rapport in kwistjoni.

Mistoqsi jekk kienx jaf lil Marianna Stellini, x-xhud wiegeb li l-isem ma jdoqqlux u ma jirrikonoxxihiex jigifieri ma jafx ghal minn qed issir referenza ghaliha. Mistoqsi jekk qattx kien l-avukat konsulent ta’ Marianna Xuereb, ix-xhud wiegeb li effettivament jekk hu kien baghtilha l-formola biex timla bhala prokura biex isir l-kuntratt, ix-xhud wiegeb li kien hu. Qal li hu qatt ma kien l-avukat ta’ missier Anthony Cauchi ghalkemm Anthony Cauchi huwa patrocinat minnu.

Mistoqsi jekk qattx ra l-kuntratt esibit fl-atti mmarkat bhala dokument S, ix-xhud wiegeb li qabel dakinhar, qatt ma kien ra dak l-kuntratt. Zied jghid li kien jaf li kien hemm kawza ta’ divizjoni ghaddejja u kienet ghadha pendenti sa dakinhar. Qal li jaf wkoll li hemm kawza pendenti civili sabiex jaqa l-kuntratt li sar minn Frank Cauchi ghan-nom ta’ l-ahwa Xuereb u l-bejgh lil Anthony Cauchi. Qal li kien minnu li hu kien ghamel *challenge* quddiem il-Qorti fejn talab lil Kummissarju tal-Pulizija jiehu l-passi odjerni

kontra l-imputati u dan c-*challenge* kien gie milqugh mill-Magistrat Coppini.

Illi nhar l-erbatax a' Novembru 2006 **xehed l-imputat Emanuel Stellini minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 103] fejn esibixxa certifikat tal-mewt ta' oht missieru Josephine Stellini li mietet fit-tletin ta' Mejju 1978, liema certifikat gie mmarkat bhala dokument Z. Qal li waqt li din kienet ghadha hajja, hi kienet ghamlet prokura generali favur Carmelo Stellini li jigi huha u hu missieru, liema prokura esibixxa bhala dokument "X". Esibixxa wkoll kuntratt redatt minn Nutar Giuseppi Cauchi datat tlieta ta' Mejju 1978 dwar bejgh. Qal li fuq dan l-kuntratt ahhari deher Carmelo Stellini f'ismu proprju u minn naha l-ohra Carmena mart Frankie Cauchi u dehret ghan-nom u ghal parti ta' Giuseppa Stellini u nies ohra. Qal li permezz ta' dan il-kuntratt, t-tieni parti u cioe dik ta' Carmen mart Frankie Cauchi w ohrajn, f'dan il-kuntratt hemm dikjarazzjoni fejn jinghad li l-fond 97, Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, bl-accessorji tieghu, kien ilu f'idejn Carmelo Stellini u dan bil-pussess kontinwu w esklussiv tieghu ghal izjed minn tletin sena. Jigifieri l-istess fond kien proprjeta assoluta tieghu w in segwitu, l-istess partijiet ma kellhom ebda pretenzjoni ta' kwalsiasi natura fuq l-imsemmi fond. Qal li meta mietet zitu Giuseppa Stellini, hi halliet l-wirt taghha kollu lil missieru Joseph Stellini.

Zied jghid li zitu Josephine Stellini li mietet skond c-certifikat tal-mewt esibit fl-atti, fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 1978, hija kienet mejta meta sar dan l-kuntratt w ghalhekk Carmen Cauchi ma setghet qatt tidher ghan-nom ta' Josephine Stellini, permezz ta' prokura gahx il-prokura kienet mietet maghha.

Qal li l-kuntratt li sar minn Nutar Marija Grima sar hames ijiem wara li effettivament mietet zitu. Qal li l-konservvatur kien Dottor Grima w in-Nutar kien Dottor Giuseppe Cauchi. Qal li in segwitu, huma, bhala werrieta ta' missieru Joseph Stelllini, li originarjament kien wiret lil ohtu Josephine Stellini, permezz ta' kawza tat-tnax il-sena qabel u li ghandha pendenti fil-Qorti Civili ta' divizjoni ma

hutu u b'hekk huma ottjenew is-sehem diviz tieghu u ta' ohtu li tigi z-zija taghhom. Qal li fil-frattemp, fil-mori tal-kawza, ohtu ohra jisimha Nina Xuereb iddecidiet li tbiegh s-sehem indiviz taghha u dan lil sekondu kugin taghha li jigi t-tifel ta' Francis Cauchi, certu Anthony Cauchi, u dan xtara s-sehem ta' zitu Lina Xuereb. Qal li z-zijiet tieghu bhala ahwa kienu sitta.

Spjega li fil-mori tal-kawza civili, sar kuntratt bejn Francis Cauchi li hu missier Tony Cauchi, li huwa r-ragel ta' Carmena Cauchi li tigi oht missieru, u dan biegh lil ibnu Tony Cauchi, il-post taz-zija tieghu Nina u cioe l-post 95/96 Triq Santa Lucija, Kercem, li huma kien ilhom tmintax il-sena l-Qorti fuq din il-proprjeta. Qal li dan hu l-kuntratt tal-akkwist li jinsab inserit fl-atti bhala dokument "C" a fol 40 tal-atti.

Kompla jghid li sussegwentement l-avukat taghhom baghat ittra lis-Supretendent tal-Frodi biex jghidilhom li dan il-bejgh ma setghax isir fil-fehma tieghu u sabiex jittiehdu passi kontra minn effettivament ghamel dan l-bejgh jew xiri izda saru passi kontra taghhom talli allegatament ghamlu rapport falz.

Qal li l-proprjeta li effettivament inbieghet hija formanti parti mill-wirt bejn l-ahwa fejn huma, l-eredi ta' missieru, ghandhom zewg isthma ta' missieru u t'ohtu Josephine. Qal li kien minnu li fis-sena 2002 huma deheru fuq kuntratt quddiem in-Nutar Enzo Dimech fejn iddikjaraw li z-zijiet tieghu u cioe hut missieru, tawhom sehemhom mill-proprjeta 20, Triq Bir-Bix, w huma jaghtu s-sehem ta' missieru u ta' zitu mill-fond 96/ 97, Triq Santa Lucija u b'hekk sar l-kuntratt ta' tpartit.

Qal li mhux minnu dak li gie suggerit mill-avukat tal-parte civile, li huma r-rapport ghamluh fuq il-fond numru 95. Qal li skond d-dokument miktub minnhom stess w iffirmat minnhom bhala eredi ta' missieru u ta' zitu, hemm mitkub fuq x'hiex ghamlu r-rapport taghhom u dan jikkoncerna l-fond 96/ 97 Triq Santa Lucija, Kercem.

Mistoqsi ghal liema post kien qed jirreferi l-kuntratt li sar ghand n-Nutar Pisani, qal li dak l-hin ma kellux idea. Qal li kien minnu li kien hemm zewg postijiet li kienu fil-wirt, li jimmagina Santa Lucija, Kercem pero n-numri dejjem jinbidlu ta'dawn il-bibien.

Qal li r-rapport li hu ghamel ghand l-Kummissarju tal-Pulizija kien jikkoncerna l-kuntratt li esibixxa dakinhar li kien immarkat bhala dokument F, kif wkoll l-kuntratt esibit bhala dokument "C". Zied jghid li meta l-Ispettur kien qed jinvestiga l-ilment taghhom, hu kien hadlu z-zewg kuntratti u cioe d-dokument "C" u "S", ghalkemm setgha kien il-kaz li fl-ittra li baghat kien hemm biss imsemmi d-dokument "C".

Qal; li kien minnu li Anthony Cauchi fil-kuntratt dokument "C", xtara minghand t-tfal ta' Lina Xuereb, oht missieru u xtara l-post 95/96 fl-intier tieghu u li hu kellu sehem fih. Qal li ma kienx jaf jekk kienx minnu li fil-kawza civili Anna Xuereb qalet li l-post 95/96 huwa taghha fl-intier, pero kien qed isostni li hu kellu sehem fih, naturalment flimkien ma hutu. Qal li n-nota t'eccezzjonijiet taghha fil-kawza civili li ghadha ghaddejja fuq d-divizjoni, hu ma rahiex u lanqas jaf li hija kienet qed tippretendi li dan wkoll gie ghandha permezz ta' preskrizzjoni. Qal li l-kwistjoni tal-wirt immexxija minn hutu li huma l-ko-akkuzati l-ohra u jkun hu li jaghtihom l-karti biex jiffirmaw. Ikkonferma li l-firem fuq l-ittra mibghuta lil Kummissarju tal-Pulizija hija dik ta' hutu.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi migbura jirrizulta bic-car li din il-kawza giet istitwita wara li l-kwerelat ghamel *challenge* lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex iressaq lil imputati odjerni u jakkuzahom b'rapport falz u dan ghaliex fil-fehma tal-istess, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali din kienet kwistjoni purament civili u qatt ma messha spiccat quddiem din il-Qorti bil-vesti taghha fuq imsemmija.

Kif jinghad fid-decizjoni tal-***Qorti tal-Appell tat-tlieta ta' Novembru 2003***, fl-ismijiet **Joseph Gaffarena u**

**Kummissarju tal-Pulizija** u konsegwentement fid-decizjoni moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet **Carmel u Helen konjugi Galea v Kummissarju tal-Pulizija *deciza nhar d-dsatax ta' Awissu 2004***, il-procedura ta' *challenge*, kontemplat fl-artikolu 541(1) tal-Kap 9, hi f'certu sens, procedura straordinarja u konsegwentement anke r-rimedju kontemplat fl-imsemmija disposizzjoni – l-ordni lil Kummissarju tal-Pulizija biex jipprocedi kriminalment kontra xi hadd meta originarjament l-istess Kummissarju tal-Pulizija jkun naqas milli jaghmel hekk – huwa wkoll wiehed straordinarju.

Permezz tal-artikolu 541(1) l-organu Gudizzjarju jintervjeni biex igieghel l-organu Ezekuttiv jagixxi meta normalment l-azzjoni penali tispetta proprju lil Ezekuttiv. Tali intervent, ghalhekk jimporta oneru konsiderevoli ghax il-gudikant ghandu jassikura ruhu li verament ikun hemm prima facie kontra dak li jkun u mhux semplicement suspetti. Mitt suspett ma jghamlux prova.

Kif jinghad fil-**Privy Council** fil-kaz ***Shabaan Bin Hussien v Chang Fook Kom*** [1970. AC 492 (1969) 3 ALL ER 1626 (P.C.)]:

*"Suspicion arises at or near the starting point of an investigation of which the obtaining of prima facie proof is the end."*

Illi pero dik l-Qorti ghandha wkoll tara u taccerta ruhha li hemm prova sufficjenti kontra kull persuna li tigi ndikata fic-*challenge*, fejn qed jigi mitlub li jittiehdu passi kriminali.

Jigi rilevat pero li fil-proceduri ta' *challenge*, dik il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tidhol fil-fond fil-provi migjuba quddiemha jew taghmel xi ezami ulterjuri tax-xhieda kuntrarjament ghal dak li ghandha tghamelf'kumpilazzjoni; ghandha biss tisma l-provi fuq livell ta' prima facie. Il-principji u regoli enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 ma jaqghux taht l-iskrutinju ta' dik il-Qorti. Huwa l-istess grad ta' prova, cioe li l-Qorti Istruttorja hija mistennija li ssib billi tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex imputat jitqieghed taht l-att tal-akkuza. F'dan il-kaz irid

necessarjament ikun hemm prova quddiem din il-Qorti, mhux biss tal-partecipazzjoni materjali, izda wkoll prova ta' partecipazzjoni morali ossia tad-determinazzjoni komuni ghal partecipi kollha: fi kliem iehor, prova li l-mohh ta' kull wiehed mill-partecipi [l-awtur, jew l-ko-awturi jew komplici] kien dirett ghal kommissjoni tal-istess reat u cioe dak li jaghti rapport falz fuq persuna li kienu jafu li kien innocenti.

Illi l-imputati odjerni huma akkuzati bir-reat kif dispost fl-artikolu 101(a) tal-Kap 9.

Kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza deciza nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1942*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mark Dark**, tlieta huma l-elementi li jaghtu hajja ghar-reat ta' kalunja u cioe:

1. l-intenzjoni li wiehed jaghmel hsara lil persuna denunzjata;
2. l-akkuza quddiem l-awtorita kompetenti; u

3. li dik l-akkuza tkun tirreferi ghal kommissjoni ta' reat li ghalih d-denunzjant ikun jaf li d-denunzjat huwa innocenti.[vide wkoll **Rex v Caterina Debono** ***deciza mill-Qorti tal-Apell Kriminali nhar t-tnax ta' Dicembru 1919*** u **Il-Pulizija v Violet Smith** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Gunju 1952***].

Kif spjega **Sir Anthony Mamo** fl-**Appunti** tieghu a rigward l-element formali ta' dan r-reat:

"*The accused who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could **not** reasonably punish the accused who would **not** have acted out of malice and would merely have*

*hereby used and* ***not*** *abused a right which is competent to him* [p. 62].

*The knowledge on the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made must be* ***certain*** *so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation* [p. 64]"

Ghalhekk hu necessarju li l-elementi formali ta' dan r-reat u cioe li wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja, strument t'ingustizzja kontra din il-persuna l-ohra [vide **Il-Pulizija v Isabelle Micallef deciza minnm din il-Qorti nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 1999**].

Dwar t-tieni element u cioe li l-akkuza trid ssir quddiem awtorita kompetenti, iil-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Ottubru 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Seychell**, fejn gie enuncjat li:

*"… l-akkuza jew denunzja ai finijiet ta' kalunja, ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri quddiem awtorita li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga w eventwalment tressaq il-Qorti [jew tghaddi l-kaz lil haddiehor biex dan eventwalment iressaq l-Qorti] lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkommettiet dak r-reat."*

It-tielet element u dan huwa t'importanza kbira hu li d-denunzjati kienu jafu li d-denunzjat huwa innocenti izda dan nonostante ivvintaw rapport kontra tieghu sabiex jattribwixxu fatti ta' reati li in realta ma kkommettiex.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha d-denunzja li kienu ppresentaw l-imputati lil Kummisarju tal-Pulizija nhar t-tlieta ta' Frar 2004 kif esibita a fol 35 tal-atti markata bhala dokument JC u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-

imputati rrappurtaw li d-denunzjati Anthony u martu Giorgina Cauchi kienu xtraw post f'numru 96/97, Triq Santa Lucija f'Kercem, skond il-kuntratt tan-Nutar Paul George Pisani datat tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 2002, wkoll esibit fl-atti, meta huma ghandhom sehem minnu kif del resto kienu jafu d-denunzjati peress li jifforma parti minn kawza civile Cit. Nru. 74/90, pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fl-ismijiet **Joseph Stellini v Carmel Stellini et noe**. Dan hu r-rapport li ghamlu l-imputati u talbu lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga dan fid-dawl tar-reat ta' frodi.

Issa minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-istess denunzjat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, datata nhar l-erbgha ta' Marzu 2004, esibita a fol 45 tal-atti parocesswali bhala dokument JC 1, l-istess Cauchi jghid li verament xtara post fi Triq Santa Lucija permezz ta' kuntratt quddiem in-Nutar George Pisani meta kien jaf li l-imputati qed jippretendu li ghandhom sehem minn porzjon fil-kwota ta' 5/12 u li dan il-fond kien jifforma parti minn kawza civili li kienet *sub judice*. Dan nonostante, huwa xtara l-post intier, inkluz l-allegat sehem taghhom minghajr ma d-denunzjanti akkwijixxew ghal tali bejgh.

Illi ghalhekk, minnufih jirrizulta li d-denunzja tal-imputati ma kienetx falza, anzi kien fiha l-fatti kif spjegati mill-imputati b'aktar kjarezza.

Illi ma hemmx dubbju li l-imputati ppresentaw d-denunzja taghhom lil awtorita kompetenti kif trid l-ligi pero minn imkien ma jirrizulta li dak li allegaw kien falz. Issa jekk in realta l-imputati m'ghadhom ebda dritt ghal biegh tal-fond in dezamina, jispetta Qorti Civili li tiddeciedi dan u mhux din il-Qorti. Ma hux d-dover ta' din il-Qorti sabiex tezamina l-atti dokumentari u tistabilixxi min ghandu dritt civili ghal tali proprjeta.

Il-parte civile qed issostni li l-post imsemmi fid-denunzja tal-imputati huwa 96/97 filwaqt li d-denunzjati jaghmlu referenza ghal istess fatti b'fond numru 95/96. Illi zgur ma hux kompitu ta' din il-Qorti sabiex tghid x'inhu n-numru tal-post in dezamina; li hu zgur hu li rrizulta ghal din il-Qorti li

l-partijiet u b'dan tfisser l-imputati u d-denunzjati jaqblu li nbiegh post meta kien mertu ta' kawza civili u meta l-partijiet kollha ma dehrux fuq il-kuntratt.

Il-Qorti taqbel mal-prosekuzzjoni meta ddecidiet li dan kien kaz purament civili u li l-fatti specie tal-kaz ma jammontawx ghal reati kriminali migjuba kontra l-imputati. Minn imkien ma rrizulta, lanqas remotament, li l-imputati jew wiehed minnhom ried jattribwixxi fatti kriminali lil denunzjati meta kien jaf li kienu innocenti u dan ghaliex zgur li ma jafux jew ghal inqas ma jahsbux li huma nnocenti.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 101(1)(a)(2), 20, 30 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lill-imputati MARIA STELLINI, EMANUEL STELLINI, CARMELA BUGEJA, EMILIA MUSCAT u GREGORY STELLINI hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom u tilliberahom minnhom.**

**Il-Qorti, dwar t-talba maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li qed tillibera lil imputati mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, mhux ser tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------